



19.2.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 1271/2009, ippreżentata minn Thomas Ramsey, ta' nazzjonalità Brittanika, dwar diskriminazzjoni bejn l-azzjonisti ta' TESCO li huma residenti fir-Renju Unit u dawk li mhumiex fir-rigward ta' ħruġ ta' ishma bi dritt

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Fin-notifika tiegħu għal laqgħa, il-bord ta' TESCO javża li l-ħruġ ta' azzjonijiet ġodda huwa "offerta preventiva għall-azzjonisti eżistenti permezz ta' ħruġ ta' ishma bi dritt". In-notifika tkompli tgħid "bl-esklużjoni biex wieħed jittratta mad-drittijiet frazzjonali għall-azzjonijiet u l-azzjonisti barra mill-pajjiż li ma jistgħux jinħarġulhom ishma bi dritt minħabba problemi legali u prattiċi". Il-petizzjonant huwa Brittaniku iżda residenti l-Ġermanja u għaldaqstant ġie eskluż; huwa jikkunsidra li ġie diskriminat.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-11 ta' Diċembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-19 ta' Frar 2010.

Il-petizzjonant huwa ċittadin Brittaniku residenti l-Ġermanja. Huwa għandu ishma f'Tesco plc, kumpanija pubblika ta' responsabilità limitata bbażata r-Renju Unit.

F'notifika ta' laqgħa ġenerali tal-2009, il-bord ta' TESCO ħabbar abbozz ta' riżoluzzjoni dwar il-ħruġ ta' azzjonijiet ġodda f'forma ta' "offerta preventiva għall-azzjonisti eżistenti permezz ta' ħruġ ta' ishma bi dritt (bl-esklużjoni biex wieħed jittratta mad-drittijiet frazzjonali

għall-azzjonijiet u l-azzjonisti barra mill-pajjiż li ma jistgħux jinħarġulhom ishma bi dritt minħabba problemi legali u prattiċi)”. Il-petizzjonant jikkunsidra l-abbozz ta’ riżoluzzjoni bħala li jmur kontra l-liġi tal-UE sal-punt li huwa jeskludi wkoll l-azzjonisti tal-UE residenti fi Stat Membru ieħor mill-ħruġ ta’ ishma bi dritt.

Wara li indirizza lis-CEO ta’ Tesco plc f’Ġunju 2009 bla ma rċieva risposta, il-petizzjonant irrikorra għand l-Awtorità tar-Renju Unit dwar ir-Reġistrazzjoni fil-Borża, li tagħmel parti mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji, f’Awwissu 2009.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Is-sitwazzjoni li fiha l-azzjonisti f’ċerti Stati Membri kienu pprojbti milli jipparteċipaw fiż-żidiet tal-kapital ta’ kumpaniji kkwotati fi Stat Membru ieħor seħħet diversi drabi fl-imgħoddi. Madankollu, *l-acquis communautaire* attwali kemm fil-liġi tal-kumpaniji kif ukoll fil-liġi tat-titoli ma jstipula l-ebda rimedju effikaċi għal din l-allegata diskriminazzjoni bejn l-azzjonisti tal-istess kumpanija li huma residenti fi Stati Membri differenti tal-UE.

Meta l-kumpaniji jkunu jridu jżidu l-kapital tagħhom, is-soltu huma jallokaw drittijiet ta’ prelażzjoni tal-azzjonisti eżistenti. Dawn l-allokkazzjonijiet jissejħu “ħruġ ta’ ishma bi dritt”, u jiġu inkorporati f’offerta ta’ titoli lill-pubbliku. Id-Direttiva dwar il-Prospett (2003/71/KE) tirregola dawn l-offerti fl-UE, u b’mod partikolari, hija tagħti d-dritt lill-persuni li joħroġuhom li jagħmlu offerta pubbliċi ta’ titoli f’dawk l-Istati Membri tal-UE li jippreferu. Għaldaqstant, id-Direttiva ma tipprojbixxix ir-restrizzjoni tal-offerti għal ċerti ġurisdizzjonijiet iżda tħalli l-għażla f’idejn il-persuni li joħroġu t-titoli.

Barra minn hekk, il-liġi tal-UE m’għandhiex prinċipju ġenerali ta’ trattament indaqs tal-azzjonisti, ħaġa li kieku tipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-azzjonisti. Dan ġie kkonfermat reċentement mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-15 ta’ Ottubru 2009 (kawża C-101/08, “Audiolux”)<sup>1</sup>. L-hekk imsejħa t-Tieni Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji (77/91/KEE)<sup>2</sup>, fl-Artikolu 42 tagħha, tistipula li “l-liġijiet tal-Istati Membri għandhom jassiguraw trattament indaqs tal-azzjonisti kollha li huma fl-istess pożizzjoni” iżda tillimita dan il-prinċipju għall-“finijiet tal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva”. Barra minn hekk, hija tippermetti b’mod espliċitu li d-dritt tal-prelażzjoni jkun limitat jew irtirat sakemm dan isir b’deċizzjoni tal-laqgħa ġenerali, u li ċerti kundizzjonijiet oħra jiġu sodisfati (Artikolu 29(4) u Artikolu 40).

Fil-każ attwali, jidher li d-deċizzjoni li d-dritt ta’ prelażzjoni jkun limitat għall-azzjonisti residenti fir-Renju Unit tressqet fil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti ta’ Tesco. Sakemm ir-regoli proċedurali stipulati fit-Tieni Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji (u b’mod partikolari r-rekwiżit fl-Artikolu 40 tagħha għal żewġ terzi tal-maġġoranza kkwalifikata fil-laqgħa ġenerali) ġew irrispettati, għalhekk m’hemm l-ebda raġuni biex wieħed jikkonkludi li l-liġi tal-UE nkisret.

<sup>1</sup> ĠU C 297, 5.12.2009, p. 7–8

<sup>2</sup> It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE tat-13 ta’ Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta’ salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta’ membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta’ kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta’ kumpaniji pubbliċi ta’ responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti, ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1

Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għat-titjib li sar matul l-adozzjoni tal-hekk imsejħa Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti (Direttiva 2007/36/KE)<sup>1</sup>. Id-Direttiva ttejjeb d-drittijiet ta' informazzjoni tal-azzjonisti u l-possibilitajiet tagħhom biex jitfgħu l-vot tagħhom fil-laqgħa ġenerali f'kuntest transkonfinali. It-traspożizzjoni tad-Direttiva, li tlestiet f'Awwissu 2009, għaldaqstant għandha tagħti d-dritt lill-azzjonisti mhux residenti li jesprimu l-opinjoni tagħhom fid-deċiżjonijiet dwar ir-restrizzjoni jew l-irtirar tad-drittijiet ta' prelażzjoni tal-azzjonisti f'ċerti Stati Membri u tiżgura li kwalunkwe deċiżjoni bħal din tittieħed fuq il-bażi ta' kunsens mifruż mal-azzjonisti kollha.

## Konklużjoni

L-*acquis communautaire* attwali ma joffri l-ebda bażi għall-projbizzjoni tal-kumpaniji pubbliċi ta' responsabilità limitata milli jillimta il-ħruġ ta' ishma bi dritt lil residenti f'ċerti Stati Membri tal-UE fejn din ir-restrizzjoni ssir permezz ta' riżoluzzjoni ta' laqgħa ġenerali, skont ir-regoli tat-Tieni Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji (Direttiva 77/91/KEE).

---

<sup>1</sup> Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati, ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17